

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-22 ta' April 2008

dwar l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2006

(2009/206/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet finali annwali taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2006 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet finali taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2006, flimkien mat-twegġibiet taċ-Ċentru ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2008 (5843/2008 – C6-0084/2008),
 - wara li kkunsidra t-Trattat tal-KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽³⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li jstabbilixxi Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard ⁽⁴⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 23 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽⁵⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A6-0117/2008),
1. Jinnota li l-kontijiet finali annwali taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard huma kif annessi mar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri;
 2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2006;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jagħmel l-arranġamenti għall-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Hans-Gert PÖTTERING

Is-Segretarju Ġenerali
Harald RØMER

⁽¹⁾ ĠU C 261, 31.10.2007, p. 49.

⁽²⁾ ĠU C 309, 19.12.2007, p. 99.

⁽³⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 142, 30.4.2004, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.